**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 26 ta' Jannar, 2017

Rikors Nru : 528/16 AL

**AB**
**Vs**
**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ippremetta :

1. Illi l-partijiet iżżewġu f' Malta fil-21 ta' Awwissu, 1999;

2. Illi minn dan iż-żwieġ il-partijiet għandhom żewġt itfal li huma minuri;

3. Illi l-partijiet huma legalment separati permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dottor Jonathan Vella, datat 2 ta' Awwissu, 2012, kopja tal-istess kuntratt hawn annessa u mmarkata bħala **'Dok. A'**;

4. Illi kif jirriżulta mill-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni, il-partijiet kienu ftehmu li jirrinunzjaw għad-drittijiet rispettivi tagħhom milli jitolbu l-manteniment mingħand xulxin;

5. Illi iżda ai termini ta' l-istess kuntratt hawn imsemmi r-rikorrent għad għandu l-obbligu li jħallas manteniment mensili lill-konvenuta in konnessjoni mat-trobbija tat-tfal il-minuri tagħhom, li ma jirriżultax li hemm problemi fuq tali ħlas;

6. Illi m'hemm ebda prospett raġonevoli għar-rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet stante li minbarra li ilhom għal aktar minn erba' snin ma jgħixux flimkien u ilhom separati *de facto* minn xulxin għal aktar minn erba' snin, illum għandhom ħajja totalment separata minn xulxin;

7. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissoddisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għall-ksib tad-divorzju skont l-artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili, tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Talab sabiex a tenur tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 66B tal-Kodici Civili l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ ta' bejn il-partijiet, liema żwieġ ġie iċċelebrat Malta fil-21 ta' Awwissu, 1999;

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex, fi żmien imħolli għal daqshekk mill-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet biex dan jigi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-1 ta' Dicembru, 2016;

Semghet lill-intimata prezenti fl-awla tiddikjara li ma ghandha l-ebda oggezzjoni li jintlaqghu it-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-2 ta’ Awissu 2012 u ilhom ghal aktar minn erba’ snin de facto separati minn ma xulxin;

Illi ir-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ hlas ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.